L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 25 ta' Gunju 2004

# Ahtaf u hu

Is-Sibt li ghadd al-Gvern Nazzjonalista rega' kkonferma t-telfa elettorali tieghu b'persentaggi daqstant iehor drammatci ghalkemm m'humiex drammatici daqs ta' l-elezzjonijiet ghall-Parlament Ewropew.

Fi kliem iehor rega' hareg car dak li kemm –il darba kien jintqal kemm mill-poplu ingenerali kif ukoll minn diversi artikolisti li fl-elezzjonijiet ta' l-2003 il-poplu ma riedx lill-Gvern Nazzjonalista izda lill-Unjoni Ewropea.

Wiehed jistaqsi pero' x'ista' tkun issa r-reazzjoin ta' Gern li jaf mija fil-mija li tilef il-maggoranza li se jkkollu jistenna erba' snin ohra sakemm jaqa' ghal zmien twil fl-oppozizzjoni?

Jista' jkun hemm zewg reazzjonijiet.

L-ewwelnett, li forst wiehed jipprova jirkupra l-appogg politiku li tilef u jipprova jirbah il-hames legislazzjoni. U dan jist' jaghmlu biss billi jtejjeb il-qaghda ekonomika fil-pajjiz, jaghmel xi ftit 'u –turns' minn xi mizuri li jkunu ddahhlu u ma nizlux daqshekk tajjeb mal-poplu jipprova jiffranka xi ftit biex globalment inaqqs id-deficit tal-pajjiz.

Ta' min wiehed jghid li din ir-reazzjoni hija pjuttost ir-reazzjni tas-Sammaritan it-Tajjeb u cioe' att ta' karita' mal-poplu bil-kwazi certezza li fl-elezzjoni generali li jmiss il-Partit Nazzjonalista xorta johrog rebbieh. Dan ghax bhalma kulhadd isostni u bhalma turi wkoll l-istorja dokumentata, iktar minn 20 sena huma kollha zejda fuq l-istess Gvern. U wara kollox, qatt ma kien il-Partit Nazzjonalista li kellul-fama li jissikka c-cinturin f'dan il-pajjiz. Jigifieri li tibdelil-mentalita' ta' partit lighal ghexieren ta' snin dara l-ewwel isib il-kaxxa ta' Malta mimljja u jonfoqha u meta jonfoqha jibda jgemma' d-dejn mil-lum ghal ghada hija naqa difficli.

Izda reazzjoni ohra possibbli tista' kun li sakemm il-membri tal-Partit Nazzjonalista jkunu ministru ecc. jahtfu li jistghu mill0poter, jibbenefikaw irwiehhom minn kwalunkwe privileggi li jistghu jigu mill-poter (mhux b'mezzi necessarjament illegittimi), jaddottaw politika biex juri li taparsi qeghdin jaghmlu li jistghu ghall-pajjiz halli ma jkunu qeghdin jaghmu xejn fir-realta', jiehdu hafna titli u unuri bhal 'l-aqwa hekk u gieh hekk', jassikuraw pozizzjonijiet tajbinlil dawk qrib taghhom u jzidulhom il-pagi fejn qeghdin permezz ta' l-istess awtorita' politika taghhom u fl-istes hin jeqirdu l-evidenza tat-tmexxij hazina tal-Gvern. Fi kliem iehor, biex wiehed jifhem ahjar, psikologija bhal ta' bniedem li jaf li se jmut erba' snin ohra u jipprova jgawdi l-ahahr snin billi jaghmel dak li dejjem xtaq li jaghmel u jonfoq flusu kolha bla ma jaghti kas haddiehor ghax jaf li hu stess mhux se jkollu cans igawdihom jekk mhux f'dawk l-erba' snin!

Fil-kaz ta' din ir-reazzjoni allura, il-Gvern jispicca jaghti kas iktar l-interessi ta' dawk ta' madwaru milli tal-poplu li jiggverna.

Din it-tieni reazzjoni hija wahda li tipprezenta ruhha bhala hafna iktar probabbli mill-ewwel u jekk mhix se tkun l-impetu', jew kif jghidu l-Inglizi d-'driving force' principali tal-Partit Nazzjonalista li ggieghlu jibqa' fuq is-siggijiet parlamentari tieghu ghal tul ta' snin fost il-protesti tal-poplu, zgur li se tkun f'mohh kull ministru u membru parlamentari jekk xejn biex ma jitlifx il-pappa!

Izda meta mbaghad wiehed jahseb li tradizzjonalment il-Partit Nazzjonalista dejjem hadem bl-istrategija tal-pjaciri – jigifieri li jekk m'intix mieghi kontra tieghi u jekk inti mieghi t gawdi – bl-ikbar

skuza li kulhadd ghandu jkun Nazzjonalist f'semplici dipartimetn gal kulhadd irid igawdi l-'fiducja' tal-minsitru jew tal-Prim Ministru – xhieda ta' dn huma l-kazijiet kollha mirbuha fit-Tribunal ta' l-Ingustizzji (apparti dak kollha pprezentati u ma gabux bizzejjed provi) – jibda jidher iktar car li t-tieni reazzjoni tal-Partit Nazzjonalista tkun wahda iktar probabbli. Ghall-Partit Nazzjonalista jista' jun li issa verament wasal iz-zmien tat-tgawdija ghax probabbilment se jkollhom jistennew huma xi 20 sena fl-oppozizzjoni bhalma ghamlu fil-passat!

U ghalhekk imbaghad naraw fenomeni godda b'nies itiru bil-jets privati, ricevimenti kbar f'isem ministry, titli jitraxxu fuq nies favoriti u leali lejn il-Partit Nazzjonalista, salarji gholja li wiehed qajla ra bhalhom Malta … u dan kollu fuq skond ta' dejn kbir fil-pajjiz, cifira ta' qghad li taqbez it-8,000 ruh, bdiewa li jdahhlu 1c5 ghal kull kilo karrotti li jipproducu, negozjanti li jghixu mill-qligh ta' 10 snin ilu biex jikkumpensaw ghat-telf ta' dawn l-ahhar snin u servizzi socjali jonqsu.

Haga wahda biss giet ipprovata mill-istorja. Li kull meta l-mexxejja kienu sinjuri, in-nies batew. L-isbah kastelli dejjem inbnew minn mexxejja li faqqru lill-poplu taghhom. Simbolu kbir ta' dan kien proprju l-Palazz ta' Versailles li minnu harget ir-rivoluzzjoni Franciza. Ghalkemm il-Gvern taghna mhux ir-Re ta' Franza – Gvern gawdut facli jissarraf f'poplu batut! U dawn m'humiex hrejjef.